MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Numru 663/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**NAZZARENO VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nazzareno Vassallo ta' 53 sena, bin Pio u Carmela nee' Camilleri, imwieled il-Mosta, nhar is-26 ta' Dicembru, 1951, u residenti gewwa 'Ionica', Triq l-Indipendenza, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 19452 (M);

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Gunju, 2005, u fil-jiem u gimghat ta' qabel, gewwa Tas-Sliema, u f'partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom

ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli bhala persuna responsabbli ta’ xoghol li kien qed isir gewwa Tas-Sliema, u nhawi ohra f’Malta, impjega persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta, meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal, jew il-persuna li jimpjega persuni ohra *full-time*, *part-time* jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena (3A sa 10).

Wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 17 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3A sa 10).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmi Nazzareno Vassallo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------